MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 684/2008

**L-Avukati Dottor Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta' PUMA AG Rudolf Dassller Sport.**

**vs.**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali li b' digriet tal-20 ta' Awwissu 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Optima Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Avukati Dottor Philip Manduca bhala mandatarji specjali tas-socjeta' PUMA AG Rudolf Dassler Sport datat 8 ta' Lulju 2008 a fol. 1 tal-process fejn bil-gurament tieghu jesponi:-

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registra f’Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat” registrat f’ Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggett li huwa identici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita` ta’ zraben u sandlijiet bil-marki ta’ “Puma” liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom “clear cut infringements of PUMA *trademarks*”.

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’ Malta mill-konvenut bil-marka proprieta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 tal-Att dwar it-*Trademarks* u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lil-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l**-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’ hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti zraben u sandlijiet spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* ECMU 9518678 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni. B’ riserva ghal azzjoni ta’ danni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 2) u d-dokumenti esebiti kif jidhru a fol. 3 – 5 tal-process.

Rat id-digriet datat 20 ta' Awwissu 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Jannar 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 20 ta' Novembru 2008 (fol. 16) fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponent m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrisevaw id-dritt li jirreservaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi a fol. 16 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fl-20 ta' Jannar 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-container ECMU 9518678 li wasal Malta fil-25 ta' April 2008 fuq il-vapur CMA CGM JASMINE wara li nfetah mill-ufficjali tad-Dwana fid-29 ta' April 2008 instab li kien fih 22 kaxxa zraben sportivi tal-marka "PUMA" b'tnax-il par kull kaxxa ghal total ta' 264 par zarbun kollha bl-istess marka

“PUMA”, li hija marka registrata f’isem is-socjeta’ attrici bin-numru 13092 (Dok. “A”), u peress li kien hemm suspett li tali oggetti kienu kontrafatti u dawn inzammu mid-dwana ghal iktar verifiki (affidavit ta’ l-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 27 ta’ Novembru 2008) u fil-fatt ghadhom fil-pussess taghhom sallum; b’dan giet informata s-socjeta’ attrici li minn rizultati li ghamlet instab li l-istess zraben kienu fil-fatt kontradetti kif jidher mill-affidavit datat 19 ta’ Novembru 2008 maghmul minn Neil Narriman (fol. 19). Jirrizulta li l-istess merkanzija kienet destinata ghall-entita’ intimata skont il-polza ta’ karigu (Dok. “B”). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha b’dan li ghall-fini tat-tieni talba l-ispejjez ghandhom jinkludu dawk elenkati fl-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 27 ta’ Novembru 2008 (fol. 22 u 23).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuratturi deputati biss in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta kkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici bil-mod kif hawn indikat u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti, zraben u sandlijiet spaccjati fuq indikati migjuba f’Malta fil-*container* ECMU 9518678 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici u din l-istess distruzzjoni ta’ tali oggetti ghandha ssir mill-Kontrollur tad-Dwana fi zmien sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza a spejjez tal-istess entita’ konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-entita` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------